# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 12**

**Avviz numru 1575/99mm**

**Joseph Gatt**

**vs**

**Id-Direttur tax-Xogholijiet**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fid-29 ta' Ottubru, 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tiddikjara li l-proceduri in subbasta li jgibu n-numru 104/98 li saret kontra tieghu huma irriti u nulli u konsegwentement minghajr ebda effett u li l-konvenut jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din il-Qorti li jawtorizza r-rilaxx u zbank mill-attur tas-somma ta' tmien mija u erbghin lira u disa u ghoxrin centezmu (Lm840.29c) li gew depositati b'kontestwali cedola ta' depositu u fit-tielet lok in konsegwenza tal-imsemmija talbiet li jigi dikjarat li x-xoghol reklamat u allegat li sar mill-konvenut fil-fatt gie esegwit a spejjez tal-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tac-cedola ta' depositu kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament illi l-attur naqas milli jaghmel il-proceduri opportuni fiz-zmien stipulat mill-ligi u ghaldaqstant l-esponenti ghandu titolu ezekuttiv;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrespingi t-talbiet ta' l-attur bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Illi l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma t-titolu ezekuttiv miksub mill-esponenti u tawtorizza l-izbank tas-somma ta' Lm840.29 depozitati mill-attur favur l-esponenti. Bl-ispejjez kontra l-istess attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat is-sentenza taghha in parte tal-20 ta' Marzu,2001.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bis-sentenza fuq imsemmija l-Qorti dderimiet l-ewwel parti tat-talba kif maghmula f'dan l-avviz fejn gie dikjarat null u bla effett li s-subbasta li ggib in-numru 104/98 li saret kontra l-attur. Effettivament ifisser illi l-konvenut ma ghandhux dak it-titolu esekuttiv sabiex permezz tieghu ssir is-subbasta fuq imsemmija, quindi d-depositu li sar mill-konvenut sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu liema depositu lahaq is-somma ta' Lm840.29 ghandu jigi rifuz lill-istess attur peress illi l-att illi fuq gie bbazat huwa gie ddikjarat irritu u null.

Fl-avviz hemm imsemmi wkoll illi ghandu jigi dikjarat illi x-xoghol li hemm reklamat u allegat illi sar mill-konvenuti fil-fatt gie esegwit a spejjez tal-attur. Il-Qorti ser thalli npregudikata din l-ahhar talba peress illi mhux il-kaz li tidhol fiha f'dan stadju wara illi gew milqugha l-ewwel zewg talbiet ta' l-attur. Ma hemmx dubbju illi l-konsegwenza naturali tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2001 huwa li d-depositu kontestwali illi sar mill-attur ghandu jigi rifuz lilu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi filwaqt illi thalli npregudikata t-tielet talba ta' l-attur, tilqa' t-tieni talba u tordna r-rilaxx u zbank favur l-attur fl-ammont ta' tmien mija u erbghin lira u disa u ghoxrin centezmu (Lm840.29c) li gew depositati b'kontestwali cedola ta' depositu.

Bl-ispejjez ta' din id-decizzjoni u dik ta' l-20 ta' Marzu,2001 kontra l-konvenut Direttur tax-Xogholijiet.

Anthony Zammit

Dep Reg